**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI (SEDE INFERJURI)**

**ONOR.IMHALLEF DR EDWINA GRIMA LL.D.**

**Appell numru 403/2018**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Arthur Mercieca**

**Spettur Jonathan Ransley)**

**Vs**

**Renald Baldacchino**

Illum, 6 ta' Jannar, 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Renald Baldacchino, numru tal-karta ta'l-identita' 162685(M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrtai (Malta) talli:

1. ikkometta serq ta' erba vetturi, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi s-somma ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-hin, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Edgar Brincat u/jew persuna/i ohra.
2. U aktar talli fl-istess data, hin u lok u cirkostanzi volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara ta' mhux izjed minn elfejn u hames mitt euro (€2500) ghad-detriment ta' Edgar Brincat u/jew persuna/i ohra.

3. xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa u cioe’ rota ta’ ghamla Nextbike bin-numru ta’ chassis JW16060356 li l-valur taghha ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), mehuda b’qerq, jew akkwistata b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghha jew imexxieha.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-30 ta’ Novembru 2017 fejn wara li rat l-Artikoli 261, 263, 269, 270, 271, 325, 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq ammissjoni sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u kkundannatu ghall-piena ta’ sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin taht supervizjoni ta’ ufficjal tal-Probation, ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-denunzja maghmula mill-Ufficjal tal-Probation Anabel Bugeja fejn hija informat lill-Ewwel Qorti illi d-denunzjat mhuwiex joqghod ghal kundizzjonijiet imposti fuqu fl-Ordni ta’ Supervizjoni billi ma kienx qed izomm kuntatt maghha skont id-direttivi moghtija lilu u wkoll naqas milli jiehu l-kura mehtiega minhabba l-vizzju tad-droga.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-11 ta’ Ottubru 2018 li ai termini tal-artikolu 28G(9) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ordnat illi l-piena ta’ sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin moghtija fil-konfront tieghu permezz ta’ sentenza mill-Qorti tal-Magistrati nhar it-30 ta’ Novembru 2017 tigi reza operattiva.

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Renald Baldacchino mis-sentenza tal-11 ta’ Ottubru 2018 moghtija wara id-denunzja maghmula mill-Ufficjal tal-Probation Anabel Bugejaipprezentat fid-29 ta’ Ottubru 2018 fejn talab lil din il-Qorti tikkancella s-sentenza appellata u tinghata piena aktar ekwa u gusta fic-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Renald Baldacchino.

Semghet ix-xiehda.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi l-gravam sottopost ghal gudizzju ta' din il-Qorti jikkoncerna biss l-piena inflitta fuq l-appellant u dan ghar-reati lilu addebitati u ammessi minnu *in toto* u dan meta l-Ewwel Qorti itrattat mieghu ghal ksur ta'l-Ordni ta' Supervizjoni moghtija wara sentenza ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin imposta fuqu fit-30 ta' Novembru 2017, liema sentenza giet resa operattiva sabiex b'hekk giet fis-sehh is-sentenza ta' sentejn prigunerija. Dan wara denunzja maghmula fil-konfront tieghu a tenur ta'l-artikolu 28G(9) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-appellant qieghed jitlob lil Qorti tikkunsidra teroga piena alternattiva ghal dik tal-inkarcerazzjoni billi ddikjara li huwa bi hsiebu jindirizza l-problema serja li ghandu tal-vizzju ta' droga.

Illi minn ezami ta'l-atti processwali kollha marbuta mad-denunzja li saret mill-Ufficjal tal-Probation Anabel Bugeja jidher illi l-appellant ghandu problema akuta ta' vizzju ta' droga. Jidher mix-xhieda mismugha, b'mod ewlieni dik tal-psikologa Roberta Holland, illi dment li l-appellant ikun inkarcerat huwa juri determinazzjoni biex jaghleb din il-problema li hakkmitlu hajjtu, izda hekk kif jerga' jigi rintegrat fil-komunita' huwa jitlef kull interess u jerga' lura ghal hajja mahkuma mill-vizzji u l-kriminalita'. Fil-fatt il-psikologa Holland xehdet illi ghalkemm rat progress fl-imgieba tal-appellant, madanakollu dan ghandu

bzonn jibda isegwi programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju ta' droga mill-iktar fis u dan jista' isehh biss jekk huwa jibqa' mimzum f'ambjent ikkontrollat. Fil-fatt kemm ilu mizmum inkarcerat huwa irnexxielu izomm ruhu 'il boghod mit-tossikodipendenza u qed jigi segwiet minn *team* ta' nies professjonali li kollha jidher li raw progress fl-imgieba tieghu.

Illi rinfaccjata b'dan l-istat ta' fatt din il-Qorti tara li ma fadalx triq ohra sabiex tghin lill-appellant, hlief li huwa jinzamm ghal perijodu ta' zmien inkarcerat fejn allura jkun jista' jibbenfika mill-ghajnuna li tinghata fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin lil dawk il-persuni li jkunu afflitti mill-problema tad-droga. Dan ghaliex jidher illi jekk din id-decizjoni tithalla fil-gudizzju liberu ta'l-appellant, huwa jibqa' xortawahda jabbuza mid-droga. Jidher illi din l-ghajnuna diga' qed tinghatalu b'mod attiv u effettiv minn gewwa l-habs fejn bhal issa jinsab detenut, b'*care plan* diga' giet mqieghda fuq saqajha u bit-tir illi f'qasir zmien jigi ammess ghal programm. Dan il-pjan ta' kura madanakollu jista' jikseb il-frott mixtieq biss jekk l-appellant jibqa' mizmum il-habs.

Il-Qorti tittama illi jekk l-appellant jkun inkarcerat u mizmum ghalhekk taht supervizjoni kontinwa, forsi jkun hemm cans ikbar li jindirizza il-problema li ghandu b'iktar serjeta' milli kien qed jaghmel meta baqa' igawdi il-liberta'. Illi l-gustizzja restorattiva ma tfissirx biss illi persuna tinzamm 'il boghod mid-detenzjoni, ghaliex f'certu cirkostanzi d-detenzjoni tista' tissarraf f'riforma iktar milli piena ohra alternattiva ghaliha. Il-Qorti kellha opportunita' tara kif f'iktar minn kaz wiehed persuni detenuti fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin jistghu bl-ghajnuna u l-programmi li jigu offerti fil-habs, ghal min igharaf jahtaf dina l-opportunita', jirriformaw hajjithom xortawahda ghalkemm jinsabu detenuti. Il-Qorti allura f'dan il-kaz tqies illi l-ahhar tama li tezisti illi l-appellant igharaf

jindirizza l-problema tieghu tad-droga huwa li jaccetta l-ghajnuna li huwa jista jinghata fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata.

Tordna notifika ta' din id-decizjoni lid-Direttur Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex jara illi l-appellant ikompli jinghata dik l-ghajnuna kollha li ghandu bzonn biex jindirizza il-problema serja li ghandu tal-vizzju tad-droga qabel ma jkun tard wisq ghalih.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur